Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 70

It-Tlieta 9 t'April 2019

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fl-4:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Stephen Caruana – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **70.1** | **Qari ta’ ittri ta’ apoloġiji** |
| 70.1.1 | Ma kienx hemm imma l-laqgha tal-Kunsill bdiet fl-4:15pm għax ma kienx hemm *quorum* sabiex tibda fl-4:00pm. |
| **70.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 70.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti innumerata 69 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ittieħdu bħala moqrija. |
| 70.2.2 | Is-Sur Steven Grech ppropona u s-Sur Stephen Caruana issekonda l-minuti tas-Seduta 69, u ġew approvati b’votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **70.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku** |
| 70.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it-15 ta’ Marzu 2019 kien attenda laqgħa mal-kuntrattur il-ġdid tal-*Public Conveniences* sabiex jiddiskutu x’hemm bżonn isir. |
| 70.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-17 ta’ Marzu 2019 attenda l-*Open Day* tal-Ballut f’Marsaxlokk li kienet organizzata minn *Nature Trust Malta*. |
| 70.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-20 ta’ Marzu 2019 flimkien ma’ imjegata tal-Kunsill u s-Sa Emma Vella attenda laqgħa ma’ uffiċjal tal-MOT sabiex tiġi diskussa l-lista tal-bejjiegħa tal-monti ta’ nhar ta’ Ħadd f’Marsaxlokk. |
| 70.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-22 ta’ Marzu 2019 kien attenda għal preżentazzjoni mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali tad-donazzjonijiet li taw il-Kunsilliera lill-*Malta Community Chest Fund*. |
| 70.3.5 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li bejn nhar il-25 u d-29 ta’ Marzu 2019 kien il-Kunsill Lokali sabiex jgħin lill-Amministrazzjoni bil-permessi ta’ San Girgor. |
| 70.3.6 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar is-27 ta’ Marzu 2019 kien attenda Konferenza Stampa ta’ applikazzjoni li ġiet sottomessa mill-Kunsill Lokali fejn ser minn din l-iskema jingħataw fondi favur il-Komunità għall-ħajja aħjar permezz ta’ Eżerċizzju Fiżiku u Sports. |
| 70.3.7 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar it-28 ta’ Marzu 2019 flimkien ma’ impjegat tal-Kunsill Lokali attenda laqgħa ma’ Festivals Malta dwar l-għana li se tittellgħa fil-festa ta’ San Girgor. |
| 70.3.8 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar l-1 t’April 2019 attenda għal preżentazzjoni u taħdita dwar Marsaxlokk li nżammet ma’ grupp ta’ nisa minn resident. |
| 70.3.9 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar l-1 t’April 2019 kien attenda għal-laqgħa tar-Reġjun fejn ġew diskussi l-iskema tal-asfalt, il-pubblikazzjoni ta’ ktieb dwar ir-reġjun, u l-Laqgħa Ġenerali Annwali tar-Reġjun. |
| 70.3.10 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar it-2 t’April 2019 flimkien ma’ impjegat tal-Kunsill Lokali attenda għal taħriġ organizzat mill-Awtorità tal-Ippjanar. |

| | |
|---|---|
| 70.3.11 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar it-3 t'April 2019 kien attenda il-*Malta Waste Reduction Awards*. |
| 70.3.12 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar it-3 t'April 2019 flimkien mas-Sa Janice Chetcuti attenda seminar li nżamm mid-Diviżjoni tal Gvern Lokali bit-tema 'Il-Gvern Lokali fuq l-Għatba tal-Komunità'. |
| 70.3.13 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar l-4 t'April 2019 flimkien mas-Sur Steven Grech u s-Sa Emma Vella tkompliet il-verfikazzjoni tal-lista tal-bejjiegħa tal-monti ta' nhar ta' Ħadd f'Marsaxlokk. |
| 70.3.14 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar id-9 t'April 2019 flimkien mas-Sa Emma Vella kien attenda għal preżentazzjoni ta' fondi mid-Development Planning Fund (DPF) fejn il-Kunsill Lokali ġie mogħti l-ewwel persentaġġ mis-somma dovuta tal-Bandli ta' Ġnien il-Familja. |
| 70.3.15 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar id-9 t'April 2019 kien attenda Konferenza Stampa f'Marsaxlokk, organizzita mid-Dipartiment tas-Sajd dwar il-Kwota tat-Tonn 2019. |
| **70.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 70.4.1 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "L-imwejjed u s-siġġijiet – Masterplan?" Is-Sindku informa lil-Kunsilliera preżenti li ser tintbgħat ittra lir-ristoranti u lir-residenti f'dan ir-rigward u ser jiġu installati *studs* mal-art. |
| 70.4.2 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Biex issir *Stop Sign* Triq Barthelemy?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż *road markings* kellhom isiru ghax Sop Sign diġà hemm. |
| 70.4.3 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Żejtun Road u *zebra crossing* ta' Triq Melqart/Axtart?" Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li qiegħda tistenna risposta minn TM fir-rigward ta' Triq Żejtun u se tkun diskussa aktar tard fil-laqgħa taht rapporti. |
| 70.4.4 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-Monti"?" Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-parkeġġ tal-vetturi monti max-Xatt ma għandux ikun parkeġġ doppju. |
| 70.4.5 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-qsari tal-pjazza?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li dawn għandhom jinxtraw mill-*grant* tal-Wasteserv. |
| 70.4.6 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-Bandiera ta' Malta imqatta'?" Is-Sa Janice Chetcuti infurmat lill-Kunsill li ser tkun qed tieħu ħsieb li titranġa. |
| 70.4.7 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-ħajt tat-turġien ta' Triq Labour u Triq Dun Salv Gatt?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tintbgħat korrispondenza lill-Awtorità tad-Djar. |
| **70.5** | **Rapporti** |
| 70.5.1 | - Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-*Representation Letter* tar-Rapport Finanzjarju (2018). Wara diskussjoni libera ġie deċiż li r-*Representation Letter* tar-Rapport Finanzjarju mibgħuta mill-awdituri konċernati tiġi approvata u iffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kif mitlub. |

- Permezz ta' Ċirkolari *SPI*/05/2019 datata 8 ta' Marzu 2019 mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali il-Kunsill ġie infurmat b'applikazzjoni ta' Rebbiegħa fil-Komunità – Xettel b'Ilwien in-Natura. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li intbagħtet *email* f'dan ir-rigward għax kien hemm *deadline* imma s-Sur Horace Gauci u Sa Janice Chetcuti biss ikkonfermaw li għandha tintbagħat l-applikazzjoni. Għaldaqstant ma kienx hemm *quorum* u l-applikazzjoni ma setgħetx tintbagħat fil-ħin.

- Permezz ta' korrispondenza datata 4 ta' Marzu 2019 mingħand TM, il-Kunsill ġie infurmat bl-approvazzjoni ta' *Traffic Management Upgrade* fi Triq it-Trunċiera f'Marsaxlokk. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill għandu jitlob l-għajnuna ta' TM sabiex jitwaħħlu l-Avviżi mad-dgħajjes u l-karrijiet biex jitneħħew minn fuq il-post u jibda x-xogħol meħtieġ.

- Permezz ta' korrispondenza datata 27 ta' Marzu 2019 mingħand l-ERA, il-Kunsill ġie infurmat li l-*Air Monitoring Station* li tinsab fuq il-binja tal-Kunsill mhux ser titneħħa għar-raġuni li hemm obbligazzjoni relatata mal-permess tal-IPPC. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tinżamm laqgħa urġenti mal-ERA, kemm għax il-binja tal-Kunsill għandha bżonn titranġa u l-perit ta parir li titneħħa, kif ukoll li l-binja qiegħda b'kera u ma kienx hemm kunsens mingħand il-kerrej li dan l-apparat jitwaħħal fuq il-binja.

- Permezz ta' korrispondenza datata 28 ta' Marzu 2019 mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsill ġie infurmat b'rikjesta sabiex jiġu installati *Smart Bins* fil-lokalità. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li temporanjament dawn il-*bins* m'għandomx jiġu installati.

- Permezz ta' korrispondenza datata 29 ta' Marzu 2019 mingħand TM, il-Kunsilliera preżenti ġew preżentati b'żewġ proposti ta' pjanti ta' Triq Melqart u r-*roundabout* ta' Tas-Silġ u fejn ġie mitlub li l-Kunsill jibgħat il-kummenti tiegħu. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li s-Sindku kellu jibgħat is-suġġerimenti f'isem il-Kunsill qabel ma jintbagħtu l-pjanti lill-*Infrastructure Malta*.

- Permezz ta' Ċirkolari *SPI*/12/2018 datata 27 ta' Marzu 2019 mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsill ġie infurmat bi Skema ta' Finanzjament favur il-Komunità, Ħajja aħjar permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku u Sports. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li wara li l-Kunsill applika għall-fondi ġie allokat somma. Is-Sa Janice Chetcuti infurmat lill-Kunsill li bdiet il-ħidma tagħha f'dan ir-rigward u issuġġeriet li jsir *Ballroom Dancing*, *Yoga* u *Aerobics* sabiex jintlaqtu l-gosti ta' kulħadd. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera ġie deċiż li l-proposta tas-Sa Janice Chetcuti għandha tiġi implimentata.

- Permezz ta' korrispondenza datata 29 ta' Marzu 2019 mingħand il-Kap tal-Iskola Primarja ta' Marsaxlokk, il-Kunsill ġie infurmat b'għajnuna finanzjarja mingħand l-iskola sabiex isiru *bike racks* fil-komunità. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li din l-għajnuna għandha tiġi aċċettata u l-*bike racks* kellhom jiġu installati fil-parkeġġ (biswit il-grawnd) u fi Triq Lepanto (fejn kien hemm l-*bins*).

- Permezz ta' korrispondenza datata 3 t'April 2019 il-Kunsill ġie infurmat b'petizzjoni mingħand residenti f'Marsaxlokk u Birżebbugia sabiex isiru *sleeping police* fi Triq il-Marniżi u Triq it-Torri. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill għandu jinstalla *sleeping police* fiż-żona ta' Marsaxlokk u s-Sindku kellu jikteb ittra lir-residenti ta' Birżebbuġa sabiex jagħmlu t-talba tagħhom lill-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa.

- Permezz ta' korrispondenza datata 4 t'April 2019 mingħand sid ta' stabbiliment f'Marsaxlokk, il-Kunsill ġie infurmat b'rikjesta biex isiru *barriers* bejn l-imwejjed ta' fuq il-bankina ta' quddiem l-istabbiliment tiegħu mingħajr ma jingħalaq il-passagg ta' 1.5 metri. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill għandu japprova din il-proposta fuq kundizzjoni li id-disinn tal-*barrier* jingħata fuq għażla tal-Kunsill u li l-*barrier* ma tasalx sal-kurduna tal-bankina.

| | |
|---|---|
| | - Permezz ta' korrispondenza datata 8 t'April 2019 mingħand individwu li għandu trakk tal-ikel, il-Kunsill ġie infurmat b'rikjesta għall-permess sabiex jibda jarma f'żoni f'Masraxlokk. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li temporanjament ma għandomx jinħarġu permessi f'dan ir-rigward.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 8 t'April 2019 mingħand skultur, il-Kunsill ġie infurmat li permezz ta' skema tal-Gvern ġiet proposta skultura ta' *Orca Fin* sabiex tiġi installata f'żona f'Marsaxlokk. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar kellha tintbagħat mill-Kunsill u l-*platform* tal-iskultura trid issir mill-Kunsill. Wara diskussjoni libera u vot unanimu ġie deċiż li l-iskultura għandha ssir u titqiegħed wara l-Koperattiva tas-Sajd quddiem il-baħar.<br><br>- Permezz ta' Ċirkolari 2019/038 datata 5 t'April 2019 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali, il-Kunsill ġie infurmat sabiex jipparteċipa fil-*Malta Pride Initiative* 2019. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tinżamm laqgħa mal-organizzatur ta' LGBTIQ.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 1 t'April 2019 mingħand is-Supretendent tal-Pulizija, il-Kunsill ġie infurmat li ser issir għassa tal-Pulizija temporanja permezz ta' *Mobile Van* għar-raġuni li l-għassa preċedenti kienet ingħalqet. Wara diskussjoni libera, din il-proposta ġiet aċċettata mill-Kunsilliera preżenti.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 1 t'April 2019 mingħand l-Għaqda Mużikali Madonna ta' Pompei Marsaxlokk, il-Kunsill ġie infurmat b'rikjetsa sabiex fil-festa, nhar l-4 t'Awwissu, jintrama *bar* fit-triq mal-ħajt tal-każin fi Triq il-Kajjik, bejn il-11:00am u s-6:00pm. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 1 t'April 2019 mingħand l-Għaqda Mużikali Madonna ta' Pompei Marsaxlokk, il-Kunsill ġie infurmat b'rikjetsa sabiex jikkollabora mal-istess Għaqda sabiex fil-festa titolari jittella' programm vokali/strumentali nhar l-1 t'Awwissu 2019. Wara diskussjoni libera fejn ġiet diskussa u kwotata l-liġi tal-Kunsill Lokali, ġie deċiż li l-Kunsill irid ikun hu l-organizzatur ewlieni u l-għaqdiet jikkollaboraw miegħu fl-attività, u mhux bil-kontra.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 1 t'April 2019 mingħand l-Għaqda Mużikali Madonna ta' Pompei Marsaxlokk, il-Kunsill ġie infurmat b'rikjetsa sabiex fil-*weekend* tal-festa tingħalaq għat-traffiku l-parti ta' Triq il-Kajjik quddiem il-każin tal-banda sabiex il-pubbliku li jattendi l-każin ikun akkomodat fil-jiem tal-festa. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li ma għandha tinstab l-ebda oġġezzjoni f'dan ir-rigward.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 23 ta' Marzu 2019 mingħand l-Għaqda Mużikali Madonna ta' Pompei Marsaxlokk, il-Kunsill ġie infurmat b'rikjetsa sabiex jingħata permess biex tingħalaq parti minn Triq il-Kajjik għal *bar* f'Jum San Girgor. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li ma għandha ssir l-ebda oġġezzjoni fuq kundizzjoni li l-Għadqa ġġib il-permessi neċessarji tal-Pulizija u TM, isir *Risk Assesment,* f'każ ta' bżonn t'ambulanza jew *fire engine*, il-Pulizija tiftaħ it-triq minnufih, kif ukoll isir it-tindif u ħasil wara li tintemm l-attività.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 3 ta' Marzu 2019 mingħand Perit fuq talba tas-Sur Steven Grech, il-Kunsill ġie infurmat li intbagħtet stima ta' proġett propost sabiex isir ġnien ta' rikreazzjoni wara l-parkeġġ il-ġdid. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tinżamm laqgħa mal-Perit konċernat u jiġu diskussa aktar dettalji kemm fuq il-proġett u ankè fuq l-att finanzjarju.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 12 ta' Frar 2019 mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar, il-Kunsill ġie infurmat li inħareg avviz ta' infurzar fuq propjetà f'Marsaxlokk. |

- Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-applikazzjonijiet għal żvilupp bin-numri: PA/02364/19, PA/02533/19, PA/02255/19, PA/02257/19, PA/01921/19, PA/02066/19, PA/02144/19, PA/02188/19, PA/02213/19, PA/02286/19, PA/01981/19, PA/00300/19, PA/01891/19, PA/01896/19.

Ġie deċiż illi ma kellha tinstab ebda oġġezzjoni għall-applikazzjonijiet imsemmija ħlief ghal dawk innumerati PA/02213/19 u PA/02533/19 u li għalihom il-Kunsill Lokali kellu joġġezzjona.

## 70.6 Mozzjonijiet

70.6.1 <u>Mozzjoni Nru 02-2018 (VII)</u>

Permezz ta’ din il-mozzjoni, il-Kunsill Lokali ta’ Marsaxlokk qed jinnota li wara li infetħet Triq Barthelemy, għandhom isiru dawn l-arranġamenti tat-traffiku:

- Ġnien il-Familja jiġi rotta ċirkolari kif indikat hawn taħt:




- Ħruġ minn Triq Barthelemy għal Triq iż-Żejtun ikun biss ‘il fuq. Għalhekk, fi Triq iż-Żejtun għandhom jiġu installi oranges poles ( ) li ma jħallux vetturi jaqsmu għall-karreġġjata ta’ faċċata.

- F’tarf Triq Barthelemy tiżdied *road marking* ‘STOP’.

Proponent: Horace Gauci
Sekondant: N/A

Wara diskussjoni libera l-Kunsilliera preżenti iddeċiedew li qabel ma tġgi approvata l-mozzjoni għandha tintalab il-gwida minn TM.

| | |
|---|---|
| 70.7 | Sejħiet għall-Offerti |
| 70.7.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li l-kuntratt il-ġdid tal-*Public Conveniences* kien ġie iffirmat u daħal fis-seħħ mill-1 t'April 2019.<br><br>Is-Sa Emma Vella infurmat lill-Kunsilliera li d-*District Operations* avviċinat lill-Kunsill u staqsiet jekk hemmx bżonn ta' *toilet attendant* peress li l-Kunsill kien diġà għamel talba għar-raġuni li t-*tender* il-ġdid ma jinkludix *attendant*. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsilliera li wara kunsens verbali magħhom, dan l-impjegat beda jaħdem mal-Kunsill nhar l-1 t'April 2019 u żiedet tgħid li l-paga tiegħu ta' 40 siegħa fil-ġimgħa se tithallas mid-*District Operations.* |
| 70.9 | Jum Marsaxlokk 2019 – Rikonoxximenti |
| 70.8.1 | Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew l-attività ta' Jum Marsaxlokk 2019, fejn ġew diskussa wkoll in-nominazzjonijiet ta' rikonoxximenti flimkien ma' Ġieh Marsaxlokk. Wara vot unanimu ġie deċiż min għandu jkun magħżul sabiex jingħata dan l-apprezzament. |
| 70.9 | Kuntratt ta' ġbir ta'skart riċiklat – Green MT |
| 70.9.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera preżenti li l-kuntratt tal-Green MT kien ġie revedut hekk kif mitlub fil-laqgħa preċedenti u spjega il-bidliet minimi li saru fil-kuntratt. Wara diskussjoni libera u vot unanimu l-Kunsill approva li jiġi iffirmat il-kuntratt skont l-aġġustamenti finali. |
| 70.10 | Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data (DPO) |
| 70.10.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv reġa' informa lill-Kunsill bl-importanza li jiġi maħtur *Data Protection Officer* (DPO) fi ħdan il-Kunsill, hekk kif titlob il-liġi, u fakkret lill-Kunsilliera li d-DPO li hemm preżenti huwa biss temporanju u jittermina f'Mejju 2019. Is-Sa Emma Vella infurmat lill-Kunsill li avviċinat l-Amministrazzjoni hekk kif kien rikjest fil-laqgħa preċedenti imma ħadd ma aċċetta li jkun DPO minħabba r-responsabbiltà li ġġorr magħha din il-pożizzjoni. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandu jiġi maħtur DPO professjonali. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta tliet (3) kwotazzjonijiet lill-Kunsilliera u wara diskussjoni libera ġie deċiż li jintagħżel l-irħas, hekk kif titlob il-liġi. |
| 70.11 | Approvazzjoni tar-Rapport Annwali Finanzjarju tas-Sena 2018 |
| 70.11.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta r-Rapport Annwali Finanzjarju lill-Kunsilliera prezenti u kkonferma li ntbghat lilhom b'emejl qabel il-laqgha sabiex jirreveduh. Sa Emma Vella spjegat li saru xi aggustamenti mill-Awdituri imma l-profitt u l-*Financial Statement Indicator* baqghu l-istess. Wara diskussjoni libera il-Kunsill approva r-Rapport Annwali Finanzjaru 2018. |
| 70.12 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti |
| 70.12.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 4/19) għall-approvazzjoni. |
| 70.12.2 | Fuq mozzjoni tas-Sa Janice Chetcuti, issekondata mis-Sur Stephen Caruana, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |

| | |
|---|---|
| 70.12.3 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali l-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Marzu għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| **70.13** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 70.13.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali intemmet fit-8:45pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 9 ta' Mejju 2019 fl-4:00pm. |

Konfermati, illum 9 ta' Mejju 2019.

IFFIRMATA

__________________

Horace Gauci
Sindku

IFFIRMATA

__________________

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv